# DUN PIETRU PAWL GRIMA

"Imut żagħżugħ min is-sema jħobbu," qal wieħed poëta grieg taż-żmenijiet il-qodma. Dawn il-kelmiet nistgħu ntennuhom aħna wkoll u nħożżuhom ma' isem Dun Pietru Pawl Grima, li miet għal għarrieda nhar it-13 ta' Mejju, tas-Sliema. Żagħżugħ fl-aħjar tiegħu, is-Sema ħabbu u għalhekk riedu għalih. Fil-ħajja qasira tiegħu ħadem xogħol ta' ħajja twila. Fil-knisja ta' Stella Maris, fl-Oratorju tas-Salesjani, fid-dar u fit-triq, bi nhar u bil-lejl, Dun Piet kien dejjem sejjer bla serħan ta' xejn, issa jgħallem,issa jqarar, issa jippritka, dejjem bid-daħka f'fommu, ħabib tat-tfal, tal-kbar, ta' kulħadd.

Fil-għerf kien wieħed minn ta' quddiem. Tgħallem fil-Kulleġġ tal-Ġeżwiti, Birkirkara, is-Seminarju ta' Malta, is-Seminarju ta' Għawdex u l-Università Gregorjana ta' Ruma. Ħâ l-lawrja tat-Teölogija u tad-*Diritto Canonico* (Liġijiet tal-Knisja). Fuq kollox kien għal qalbu l-istudju tal-Iskrittura, u fit-tagħlim tagħha kien wieħed minn ftit. Kien Professur is-Seminarju u Eżaminatur tal-Filosofija u tat-Teoloġija. Qatt ma ried jogħla, għalkemm kien jixraqlu, ried jibqa' dejjem *Dun Piet* biex aktar ikun ħieles fix-xogħol tiegħu.

Dun Piet kien wieħed mill-aħjar kittieba tal-Malti u ismu jibqa' dejjem jissemma għat-traduzjonijiet tal-Kotba Mqaddsa. Qaleb bil-Malti t-*Testment il-Ġdid* kollu, u ħafna kotba mit-*Testment il-Qadim*, jiġifieri : *Il-Biki tal-Profeta Ġeremija* (1926); *Il-Ktieb ta' Ester* (1928); *Il-Kotba ta' Ġuditta u tal-Profeta Ġona* (1928); *Il-Ktieb tal-Imħallfin* (1929); *Il-Ktieb tal-Profeta Danjel* (1929); *Il-Kotba ta' Eżdra u ta' Nehemija* (1932). Barra minn dawn qegħdin biex joħorġu : *Il-Ktieb tal-Profeta Ġeremija*, u *Il-Ktieb tat-tnax il-Profeta ż-Żgħar.*

Kiteb ukoll ħafna kotba oħra ta' tagħlim: *Il-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu; Il-Ġrajja tal-Għaqda l-Qadima mqabblin mal-għerf tal-lum*; *Il-Vanġeli tal-Ħdud u tal-Btajjel; Il-Ħajja tal-B. Ġ. Bosco*, u oħrajn, barra minn ħafna poeżiji u bċejjeċ żgħar imxerrdin f'kull qari Malti. Il-Malti tagħna bosta drabi laqa' l-kitba tiegħu.